**RULING MOGĦTI F'SEDUTA NUMRU 290 TAT-12 TA' LULJU 2005**

Nirreferi għall-punt li tqajjem mill-Onor Joe Mizzi fl-aħħar laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra, fejn talab ruling dwar jekk Membru Parlamentari għandux dritt jingħata transcript tad-diskussjoni li saret f'laqgħa ta' xi kumitat li, bi qbil, tkun inżammet fil-magħluq u speċifikament talab it-transcript tal-laqgħa numru 45 tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali li saret fil-magħluq fit-22 ta' Ġunju 2005.

Ordni Permanenti Nru 137 tgħid li:

«Kull Kumitat Permanenti u kull Kumitat Magóúul jista' jirrisolvi, fid-diskrezzjoni tiegóu, li ma jóallix barranin ikunu preúenti waqt xi proðedimenti tiegóu.».

Ta' min jgħid li l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra ma jipprovdux dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita f'laqgħat li jinżammu fil-magħluq u għaldaqstant sal-lum kull kumitat kien liberu li jirregola ruħu kif jidhirlu xieraq.

Wara li s-Sedja kkonsidrat il-kummenti kollha li saru waqt il-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra li saret fis-27 ta' Ġunju 2005, u wara li kkonsidrat ukoll il-prattika segwita anke fil-House of Commons, tirrakkmanda li dan li ġej għandu japplika għal laqgħat li jsiru fil-magħluq f'dan il-Parlament:-

(a) Laqgħat in camera għandhom ikunu dejjem l-eċċezzjoni u mhux ir-regola. Il-proposta li laqgħa (jew parti minnha) ta' xi Kumitat tal-Kamra jew sotto-kumitat issir fil-magħluq, għandha ssir formalment fil-Kumitat stess wara li jingħataw ir-raġunijiet għal dan, u għandu jintlaħaq qbil dwar hekk f'dak il-forum stess.

(b) Laqgħa li tkun qed issir fil-magħluq għandha tiġi rekordjata u ssir traskrizzjoni verbatim tagħha, iżda dawk ir-records ma jiġux ippubblikati u għandhom ikunu aċċessibbli biss għall-membri u sostituti nominati fuq dak il-Kumitat jew sotto-kumitat, u għal kull Deputat ieħor tal-Kamra li ma jkunx membru ta' dak il-kumitat wara li dan jagħmel talba speċifika bil-miktub lill-President tal-Kumitat. Dawk ir-records ma jistgħux jiġu mgħoddija lill-pubbliku jew lill-mezzi tal-media.

(c) Kull Deputat jista' jattendi laqgħat ta' Kumitati li jkunu qed isiru fil-magħluq iżda jista' jipparteċipa biss wara li jikseb il-permess tal-Kumitat.

(d) Minkejja dan kollu, kull Kumitat li jkun se jżomm laqgħa fil-magħluq, jista' jiddeċiedi (bi qbil bejn il-membri ta' l-istess Kumitat) li hemm raġunijiet biżżejjed biex ma japplikax xi wieħed jew aktar miż-żewġ provvedimenti ta' qabel dan.

Fid-dawl tal-fatt li sal-lum ma kien hemm ebda proċedura stabbilita li fuqha setgħu jitmexxew laqgħat li jsiru in camera u fid-dawl tal-fatt ukoll li mill-aħħar laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra jirriżulta li hemm qbil ġenerali miż-żewġ naħat tal-Kamra li kull Deputat għandu jkollu dritt għal informazzjoni sħiħa dwar dak li jkun seħħ anke f'laqgħat li jkunu saru fil-magħluq, u in vista tal-fatt li f'dan il-każ partikolari l-President tal-kumitat stess ma jsibx oġġezzjoni għal dan, is-Sedja laqgħet it-talba ta' l-Onor Membru.